Malta Pool Association

1989

# Stagun 2020/21

## Informazzjoni Generali

**Generali**

Il-Malta Pool Association giet imwaqqfa f' Lulju tas-sena 1989 u hija rikonoxuta minn Sportsmalta, Kumitat Olimpiku Malti, European Eight Ball Pool Federation u World Eight Ball Pool Federation


Indirizz: P.O Box 13, Qawra

Tel. No: 79499117

Website:
www.maltapoolassociation.net

E-mail:
vincentdegiorgio@gmail.com


**SUMMARJU**


| | |
|---|---|
| Stagun 2020/21 | 1 |
| Registrazzjonijiet Kampjonati u Hlas | 2 |
| Kompetizzjoni 3 A Side | 3 |
| db Ranking Tournaments | 4 |
| Kalendarju Stagun 2020/21 | 5 |
| Kampjonati Individwali 2021 | 6 |
| Knockout Xmas & Easter Cups | 7 |
| Kampjonati Ewropej u Mondjali 2021 | 8 |



3 ta' Awissu 2020 Newsletter 1


## Stagun 2020/21

Ghat-tnejn u tlettin sena konsekuttiva l-Malta Pool Association hejjiet program ta' attivitajiet ghall-istagun li gej li ser jara l-bidu tieghu fl-1 ta' Settembru. L-applikazzjonijiet ghas-shubija fl-assocjazzjoni huma miftuha u ser jintlaghqu sa' mhux izjed tard mit– 13 ta' Novembru. Dawn jistghu jintbaghtu fl-indirizz tal-assocjazzjoni jew jigu prezentati, flimkien mar-registrazzjonijiet u formoli ohra, lis-segretarju tal-assocjazzjoni personalment fit– 2 ta' Ottubru, bejn is–7.30 pm u t-8.30 pm, gewwa l-Kazin Band San Gorg Martri, Qormi. Il-formola ta' shubija qeda tigi mehmuza ma' dan il-fuljett u l-hlas tal-istess shubija huwa ta' € 40. L-affiljazzjonijiet huma miftuha ghal kull club, bar jew kazini sahansitra dawk politici.

Fost diversi attivitajiet bhal kull stagun l-assocjazzjoni ser torganizza l-kampjonati nazzjonali tat-timijiet maqsum f' erba divizjonijiet u ser jigu organizzati 8 ranking tournaments li minnhom ser jintghazlu t-timijiet li ser jirraprezentaw lil Malta fil-kampjonati Ewropej u Mondjali li ser issiru s-sena d-diehla gewwa l-Irlanda u l-Ingilterra rispetivament.

## Kumitat Ezekuttiv - Perjodu 2020/21 sa' 2022/23

L-assocjazzjoni hija mmexija minn kumitat li jigi elett demokratikament mill-membri ta' l-assocjazzjoni f' elezzjonijiet li jsiru kull tliet snin

| | | |
|---|---|---|
| President: | Charlie Cilia | Tel: 79490206 |
| Vici President: | Charles Peresso | Tel: 77657756 |
| Segretarju: | Vincent Degiorgio | Tel: 79499117 |
| Tezorier: | Saviour Mifsud | |
| Membri: | Warren Attard, Pasquale Sciberras, Brian Grech, Lothar Mallia u Noel Cassar | |

## REGISTRAZZJONI TA' TIMIJIET U PLAYERS

Il-program ta' attivitajiet tat-timijiet f' dan l-istagun jinkludi l-kampjonati nazzjonali tat-timijiet, maqsuma f' erba divizjonijiet, zewg kompetizzjonijiet knockout, riservati ghall-kategoriji differenti, kompetizzjonijiet tal-Milied u l-Ghid il-Kbir, kif ukoll Super Cup.

Kull club li jibghat l-formola tal-affiljazzjoni jircievi l-formoli tar-registrazzjonijiet tal-players kif ukoll formoli necessarji ohra. Il-formoli kollha ghandhom jigu ritornati lis-segretarju tal-assocjazzjoni, flimkien mal-hlas, fl-indirizz P.O Box 13, Qawra, sa' mhux izjed tard mit– 2 ta' Ottubru 2020. F' din l-istess data tal-gheluq, is-segretarju tal-assocjazzjoni ser ikun gewwa Kazin Banda San Gorg Martri, Qormi, bejn is-7.30 pm u t-8.30 pm biex jilqgha dawn ir-registrazzjonijiet, formoli u l-hlas rispettiv personalment.

Kull player ghandu jimla formola tar-registrazzjoni ghal dan l-istagun. Players li qatt ma laghbu f' kampjonati tal-assocjazzjoni jridu jipprovdu kopja ta' l-ID Card tal-gvern minn quddiem u wara. Dawn ghandhom jigu mehmuza mal-formola tar-registrazzjoni. Players ta' cittadinanza barranija jridu jipprovdu kopja tal-passaport. Kull club jista' jirregistra aktar minn tim wiehed kif ukoll numru ta' players kemm irrid.

### HLAS

Il-hlas, ghal kull team, ghall-kampjonati nazzjonali tat-timjiet ghandu jkun kif gej:

€ 55 Kull team ghall-kampjonati tat-timijiet **JEW**

€ 110 Kull team ghall-kampjonati tat-timijiet, Knockout, Christmas Cup u Easter Cup

€ 10 Ghal kull player registrat

€ 70 Depozitu ghal kull club (Dan jinghata lura fil-bidu ta' l-istagun segwenti)

**Timijiet godda u dawk li jilaghbu fl-anqas divizjoni jaghzlu preferenza ta' hlas kif gej:**

€ 100 Ghall-ewwel tim li jinkludi 8 players u dhul fil-kampjonati nazzjonali tat-timijiet. **JEW**

€ 140 Ghall-ewwel tim li jinkludi 8 players u dhul fil-kampjonati tat-timijiet, knockout, kompetizzjoni tal-Milied u dik tal-Ghid il-Kbir.

Registrazzjonijiet ta' aktar players jistghu jsiru ghal hlas addizjonali ta' €10 ghal kull registrazzjoni.

## PREMJIJIET - Kampjonati tat-Timijiet

**€ 2,300**

| | | |
|---|---|---|
| **Kampjonati Premier** | **1) € 750** | **2) € 250** |
| **L-Ewwel Divizjoni** | **1) € 450** | **2) € 150** |
| **Tieni Divizjoni** | **1) € 300** | **2) € 100** |
| **Tielet Divizjoni** | **1) € 225** | **2) € 75** |

**+**



# Kompetizzjoni 3 a Side

## *Gewwa Kazin Banda San Gorg, Qormi*

**€ 600**

Fil-bidu tal-istagun l-assocjazzjoni ser torganizza kompetizzjoni tat-timijiet 3 a side li fijha jistghu jirregistraw players li ser ikunu registrati fil-kampjonati nazzjonali tat-timijiet tal-assocjazzjoni. F' din il-kompetizzjoni jistghu jippartecipaw massimu ta' sittax - il tim bil-precedenza tinghata skond id-data ta' registrazzjoni. Dawn it-timijiet ser jitqassmu f' erba' gruppi b' polza minghajr seedings. Il-gruppi jintlaghbu format ta' 'round robin' bl-ewwel zewg timijiet f' kull grupp jikkwalifikaw ghall-kwarti tal-finali.

Kull tim jista' jkun kompost minn massimu ta' erba' players li minnhom ma jistghax jinkludi aktar minn player wiehed minfost players tat-timijiet A tal-irgiel li rraprezentaw lil Malta fil-kampjonati Ewropej li saru gewwa pajjizna fi Frar li ghada kif ukoll il-players li kkwalifikaw fit-tim nazzjonali ghall-kampjonati mondjali. Il-players koncernati huma: Anton Cuschieri, Johan Attard, Clayton Attard, Christ Tabone, Ryan Pisani, Lyden Debono, Kevin Mercieca, Joseph Casha, Duncan Pisani, Clive Baldacchino, Duncan Edwards, Antione Aquilina u Wayne Bonnici.

Kull loghba tintlaghab l-ahjar minn 9 frames bit-tim li jirbah l-ewwel hames frames jigi meqjus bhala rebbieh. F' kaz li zewg timijiet jispiccaw b' punti ndaqs jigi kunsidrat ir-rizultat tal-konfront dirett. F' kaz ta' aktar minn tim wiehed it-total ta' frames mirbuha jiddeciedi l-mertu finali.

Il-hlas tad-dhul ghal kompetizzjoni ser ikun ta' € 15 ghal kull player. It-tim rebbieh jirbah il-premju ta' € 600.

Il-kompetizzjoni tinghata bidu fil-15 ta' Settembru bil-finali tkun skedata ghas- 6 ta' Ottubru. Registrazzjonijiet ser jigu milqugha sa' mhux izjed tard mill– 4 ta' Settembru filwaqt li l-poloz ser jittelghu fis-7 ta' Settembru.

### SKONT TA' HLAS GHAT-TIMIJIET LI KIENU MEMBRI FL-ISTAGUN 2019/20

**L-assocjazzjoni tinforma lil clubs, li kienu membri l-istagun li ghada, li minhabba li kellhom jitwaqfu l-kampjonati tat-timijiet u l-kompetizzjoni tal-Ghid il-Kbir hesrem minhabba r-ristrizzjonijiet tal-COVID 19, f' dan l-istagun ser jinghata skond totali ta' € 95 li jkoppri l-hlas ta' € 40 tal-affiljazzjoni ghal dan l-istagun kif ukoll skont addizjonali ta' € 55 fuq hlas tar-registrazzjonijiet tat-timijiet u players.**



# db Ranking Tournaments

## *Gewwa Kazin Banda San Gorg, Qormi*

L-assocjazzjoni hejjiet program impenjattiv b' avvenimenti individwali. F' dan l-istagun ser jigu organizzati 8 'Ranking Tournaments' ghal kategorijі tal-Irgiel, Under 18's, Under 23's u Over 50's. It-'tournaments' tal-irgiel, Under 23's u Over 50's ser ikunu miftuha ghall-players li ser jigu registrati fit-timijiet li ser jiehdu sehem fil-kampjonati filwaqt li t-'Tournaments' Under 18 ser ikunu miftuha ghal kull player. It- 'tournaments' taz-zghazagh U/18 u U/23 ser ikun miftuha ghall-players li ma jkunux ghalqu t- tminttax u t-tlieta u ghoxrin sena sa' l-ahhar ta' Dicembru 2020. Kull player U/18 ghandu jipprovdi certifikat tat-twelid jew kopja ta' l-I.D Card. Participanti fil-kategorija Over 50's iridu jkunu ghalqu l-hamsin sena sa' mhux izjed tard mill-31 ta' Dicembru 2020.

L-ewwel erba tournaments, maghrufa bhala Euro Ranking Tournaments, ser isservu bhala kwalifikazzjoni ghall-kampjonati Ewropej filwaqt li l-erba tournaments l-ohra, maghrufa bhala World Ranking Tournaments, ser jiddeterminaw l-ghazla tat-timijiet nazzjonali li ser jippartecipaw fil-kampjonati mondjali. Kull player rebbieh ta' l-Euro Tournaments fil-kategorijі tal-Irgiel, Under 23's u Over 50's ma jkomplix jiehdu sehem fl-istess Euro Tournaments u jikkwalifika direttament fit-Tim Nazzjonali tal-kategorija rispetiva li ser jippartecipa fil-kampjonati Ewropej. Il-punti miksuba fi tmiem tal-Euro Ranking Tournaments ma jibqghux joghdu ghal World Ranking Tournaments u jigu mwaqqa.

Il-World Ranking Tournaments tal-Irgiel, Under 23's u Over 50's ser ikollhom klassifika ta' punti separata. Ir-rebbieha tat-'tournaments' tal-Irgiel, Under 23's u Over 50's ma jkomplux jilghabu u jirbhu post fit-tim nazzjonali li ser jirraprezenta lil Malta fil-kampjonati mondjali. Players li jilaghbu fil-kategorijі Under 18's jibqu jilghabu fit-tournaments. Id-dhul fil-kategorija Under 18's ser ikun minghajr hlas.

Players li jaghtu 'Walkovers' jitilfu l-punti kollha miksuba fl-istess tournament.

Kull player jista' jilghab f' **<u>kategorija wahda.</u>** L-ghazla ghandha jsir fil-bidu ta' l-ewwel tournament riservat kemm ghall-kampjonati Ewropej u Mondjali.

<u>Seedings f' kull tournament:</u>

Tournaments Irgiel - 8 players,

Tournaments Under 23's - 4 players

Tournaments Under 18's - 2 players

Tournaments Over 50's - 4 players



## RANKING TOURNAMENTS NO. 1

L-ewwel serje ta' 'Ranking Tournaments' ser tintlaghab bejn l– 1 u l-14 ta' Settembru. Ir-registrazzjonijiet huma miftuha u ser jigu milqugha sa' mhux izjed tard mill– 24 ta' Awissu. Players interessati ghandhom jibghatu messag lis-segretarju ta' l-assocjazzjoni fuq 79499117 jew permess ta' messagg minn fuq il-Pagna Facebook b' isem Malta Pool Association. Il-poloz ser jittellghu fis– 26 ta' Awissu gewwa Kazin Band San Gorg, Qormi, fis-7.00 pm u jigu publikati fuq is-sit u pagna ta' 'Facebook' ta' l-assocjazzjoni.

## HLAS - RANKING TOURNAMENTS

DHUL GHAL KULL TOURNAMENT - € 12 **Hlas ghandu jsir qabel jibda t-tournament**

DHUL GHAL TMIEN TOURNAMENTS - € 80 **Hlas ghandu jsir f' daqqa u fl-ewwel tournament**

**PLAYERS LI MA JHALLSUX QABEL IL-BIDU TAT-TOURNAMENTS JIGU SKWALIFIKATI**

# Program Stagun 2020/21

| Kompetizzjoni | Ftuh Reg | Gheluq Reg | Poloz | Bidu | Tmiem |
|---|---|---|---|---|---|
| Clubs Affiliations | 03-Aug-20 | 13-Nov-20 | | | |
| Players/Teams Registrations Period 1 | 03-Aug-20 | 02-Oct-20 | | | |
| Players/Teams Registrations Period 2 | 23-Nov-20 | 11-Dec-20 | | | |
| Players Transfers Period | 23-Nov-20 | 05-Mar-21 | | | |
| Players Registrations Period 3 | 22-Feb-21 | 05-Mar-21 | | | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 3 A Side Team Tournament | 03-Aug-20 | 04-Sep-20 | 07-Sep-20 | 15-Sep-20 | 06-Oct-20 |
| Euro Ranking Tournaments Series 1 | 03-Aug-20 | 24-Aug-20 | 26-Aug-20 | 01-Sep-20 | 14-Sep-20 |
| Euro Ranking Tournaments Series 2 | 01-Sep-20 | 14-Sep-20 | 16-Sep-20 | 22-Sep-20 | 02-Oct-20 |
| Euro Ranking Tournaments Series 3 | 14-Sep-20 | 30-Sep-20 | 02-Oct-20 | 07-Oct-20 | 19-Oct-20 |
| Euro Ranking Tournaments Series 4 | 01-Oct-20 | 14-Oct-20 | 16-Oct-20 | 22-Oct-20 | 11-Nov-20 |
| Open National Singles League | 01-Dec-20 | 18-Dec-20 | 23-Dec-20 | 06-Jan-21 | 24-Feb-21 |
| World Ranking Tournaments Series 1 | 26-Oct-20 | 11-Nov-20 | 13-Nov-20 | 19-Nov-20 | 02-Dec-20 |
| World Ranking Tournaments Series 2 | 23-Nov-20 | 02-Dec-20 | 04-Dec-20 | 09-Dec-20 | 29-Dec-20 |
| World Ranking Tournaments Series 3 | 01-Feb-21 | 22-Feb-21 | 24-Feb-21 | 01-Mar-21 | 12-Mar-21 |
| World Ranking Tournaments Series 4 | 01-Mar-21 | 10-Mar-21 | 12-Mar-21 | 22-Mar-21 | 09-Apr-21 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Team Knockouts | 03-Aug-20 | 02-Oct-20 | 09-Oct-20 | 20-Oct-20 | 26-Nov-20 |
| Christmas Cup 2020 | 03-Aug-20 | 02-Oct-20 | 27-Nov-20 | 07-Dec-20 | 30-Dec-20 |
| Easter Cup 2021 | 03-Aug-20 | 02-Oct-20 | 01-Mar-21 | 10-Mar-21 | 30-Mar-21 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Premier League Round 1 | 03-Aug-20 | 02-Oct-20 | 18-Nov-20 | 08-Jan-21 | 26-Feb-21 |
| Premier League Round 2 | | | | 16-Apr-21 | 21-May-21 |
| First Division League Round 1 | 03-Aug-20 | 02-Oct-20 | 18-Nov-20 | 05-Jan-21 | 23-Feb-21 |
| First Division League Round 2 | | | | 13-Apr-21 | 18-May-21 |
| Second Division League Round 1 | 03-Aug-20 | 02-Oct-20 | 18-Nov-20 | 07-Jan-21 | 25-Feb-21 |
| Second Division League Round 2 | | | | 15-Apr-21 | 20-May-21 |
| Third Division League Round 1 | 03-Aug-20 | 02-Oct-20 | 18-Nov-20 | 04-Jan-21 | 22-Feb-21 |
| Third Division League Round 2 | | | | 12-Apr-21 | 17-May-21 |
| Play Off Stages & Semi Finals | | | | 24-May-21 | 04-Jun-21 |
| Finals | | | | 08-Jun-21 | 11-Jun-21 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Super Cup | | | | 14-Jun-21 | 14-Jun-21 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Presentation Dinner Night | | | | 16-Jul-21 | 16-Jul-21 |
| Annual General Meeting 2020/21 | | | | 21-Jul-21 | 21-Jul-21 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| European Pool Championships Killarney - Ireland | | | Confirmed | 05-Feb-21 | 11-Feb-21 |
| World Pool Championships Birmingham - England | | | Not Con-firmed | 16-Aug-21 | 27-Aug-21 |

**L-assocjazzjoni jzomm id-dritt li tibdel dati skond ic-cirkustanzi mehtiega**

# KAMPJONATI NAZZJONALI INDIVIDWALI

Il-kampjonati nazzjonali ndividwali Cisk tal-irgiel ser issiru gewwa l-Kazin Banda San Gorg Martri, Qormi, bejn is– 6 ta' Jannar u l-24 ta' Frar. L-avveniment ser jintlaghab nhar ta' Erbgha u ser jinkludi massimu ta' 48 player li jintaghzlu kif gej:

- Rebbieha tal-Euro Ranking Tournaments fil-kategoriji tal-Irgiel, Under 23's u Over 50's
- L-ewwel 28 player fil-klassifika tar-rankings tal-irgiel fi tmiem tal-Euro Ranking Tournaments
- L-ewwel 2 players fil-klassifika tar-rankings tal-kategorija Under 23's fi tmiem tal-Euro Ranking Tournaments
- L-ewwel 2 players fil-klassifika tar-rankings tal-kategorija Under 18's fi tmiem tal-Euro Ranking Tournaments
- L-ewwel 4 players fil-klassifika tar-rankings tal-kategorija Over 50's fi tmiem tal-Euro Ranking Tournaments

F' kaz li players minn kategoriji ghajr dawk ta' l-irgiel jirrifjutaw li jiehdu sehem l-ewwel prijorita biex jidhol player iehor tinghata mill- kategorija tal-irgiel.

Fl-ewwel fazi l-players jitqasmu fi tmien gruppi ta' sitt players u jintlaghab format ta' 'league'. Ir-rebbieha tal-gruppi jikkwalifikaw ma' l-ahhar sittax filwaqt li l-players klassifikati fit-tieni u tielet post jikkwalifikaw ghal 'Playoff'. F' kaz li zewg players jispiccaw b' punti ndaqs jigi kunsidrat il-konfront dirett filwaqt li f' kaz li tliet players jew aktar jigi meqjus it-total ta' frames mirbuha fil-loghob kollu tal-istess grupp.

**€ 1,000**

Il-hlas ghad-dhul ta' dawn il-kampjonati ser ikun ta' € 25 ghal kull player. Ir-rebbieh tal-kampjonati jigi dikjarat 'champion' nazzjonali u jirbah premju ta' €1,000 u trofej filwaqt li l-finalist jirbah trofej.

Il-poloz tal-gruppi ser jinkludu sistema ta' 'seedings' li tinkludi r-rebbieha ta' l-Euro Ranking Tournaments u l-ewwel erba' players fil-lista ta' rankings fil-kategorija ta' l-irgiel.

**Website:** **www.maltapoolassociation.net**

**Facebook Page:** **Malta Pool Association**

Like us on Facebook

## KNOCKOUT TAT-TIMIJIET

# PREMJIJIET TOTALI

**€ 1,200**

Bhal kull stagun l-assocjazzjoni ser torganizza zewg 'knockouts' ghat-timijiet wahda riservata ghat-timijiet li jilghabu fil-kampjonati Premier u l-Ewwel Divizjoni u ohra li tinkludi t-timijiet tat-Tieni u Tielet Divizjoni.

Il-loghob kollu jintlaghab fuq zewg 'legs' Home u Away barra l-finali li jintlaghbu f' post newtrali maghzul mill-assocjazzjoni.

Il-kompetizzjonijiet ser jibdew fl- 20 ta' Ottubru bil-finali jintlaghbu bejn l-17 u l-20 ta' Novembru. Il-poloz jittellghu fid– 9 ta' Ottubru gewwa Kazin Banda San Gorg, Qormi.

It-timijiet rebbieha ta' kull kompetizzjoni 'knockout' jirbhu € 400 kull wiehed filwaqt li t-timijiet telliefa fil-finali jirbu € 200 kull wiehed.

## CHRISTMAS CUP

Il-kompetizzjoni tal-Milied, riservata ghat-timijiet, tintlaghab fix-xahar ta' Dicembru fuq bazi ta' 'knockout' bil-loghob kollu jintlaghab fuq imwejjed newtrali, maghzula mill-assocjazzjoni, gewwa clubs li jkunu qedin jippartecipaw fl-istess kompetizzjoni. Kull club jista' jdahhal tim wiehed biss u jista' jaghmel uzu mill-players kollha registrati fil-club tieghu fil-bidu ta' l-istagun. L-ebda tim ma huwa ser jigi 'seeded' f' din il-kompetizzjoni.

Il-poloz ta' din il-kompetizzjoni jittellghu fit-18 ta' Novembru filwaqt li l-loghob ser issir bejn is-7 u 30 ta' Dicembru 2020.

## EASTER CUP

Il-kompetizzjoni ta' l-Ghid il-Kbir ser tintlaghab fix-xahar ta' Marzu. Din il-kompetizzjoni ser tkun maqsuma f' zewg kategoriji bl-ewwel kategorija tinkludi timijiet tal-kampjonti Premier u l-Ewwel Divizjoni filwaqt li l-kategorija l-ohra tkun komposta minn timijiet tat-Tieni u Tielet Divizjonijiet. Il-loghob kollu jintlaghab f' postijiet newtrali filwaqt li l-ebda tim ma huwa ser jigi 'seeded'.

Il-poloz ta' din il-kompetizzjoni ser jittellghu fl-1 ta' Marzu filwaqt li l-loghob kollu ser issir bejn l-10 u 30 ta' Marzu 2021.

# KAMPJONATI EWROPEJ
## KILLARNEY - IRLANDA

Il-kampjonati Ewropej 2021 ser issiru gewwa Killarney, l-Irlanda, bejn l-5 u l-11 ta' Frar. F' dawn il-kampjonati l-assocjazzjoni ser tibghat erba' timijiet jirraprezentaw lil pajjizna.  Il-sistema tal-ghazla tat-timijiet nazzjonali ser tkun segwenti:

**Tim ta' l-Irgiel:** Players rebbieha tal-erba' Euro Ranking Tournaments kif ukoll l-ewwel zewg players fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali tal-irgiel fi tmiem l-istess Euro Ranking Tournaments.

**Tim Under 23's:** Players rebbieha tal-erba' Euro Ranking Tournaments.

**Tim Under 18's:** L-ewwel tliet players fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali fil-kategorija Under 18's fi tmiem l-erba' Euro Ranking Tournaments.

**Tim Over 50's:** Players rebbieha tal-erba' Euro Ranking Tournaments kif ukoll l-ewwel zewg players fil-klassifika tar-'rankings' nazzjonali tal-istess kategorija fi tmiem l-istess Euro Ranking Tournaments.

# KAMPJONATI MONDJALI
## BIRMINGHAM - INGILTERRA

L-assocjazzjoni tikkonferma li Malta ser tiehu sehem fil-kampjonati mondjali tas-sena d-diehla li huma mistennija jsiru gewwa Birmingham, l-Ingilterra bejn is–16 u s-27 ta' Awissu. Dawn ghandhom jigu konfermati fil-laqgha generali tal-federazzjoni mondjali li ser issir fil-15 ta' Awissu. Malta ser tkun rapprezentata bi 3 timijiet fil-kategoriji tal-Irgiel, Under 23's u Over 50's.  L-ghazla tat-timijet ser issir kif jidher hawn taht:

**Tim ta' l-Irgiel:** Ir-rebbieha tal-erba' World Ranking Tournaments u l-ewwel erba' players fil-klassifika tar-rankings nazzjonali fi tmiem il-World Ranking Tournaments.

**Tim Under 23:** Ir-rebbieha tal-erba' World Ranking Tournaments.

**Tim Over 50:** Ir-rebbieha tal-erba World Ranking Tournaments fil-kategorija Over 50's u l-ewwel zewg players fil-klassifika tar-rankings nazzjonali tal-kategorija fi tmiem il-World Ranking Tournaments.

***L-assocjazzjoni tiggarantixxi l-hlas lill-players tat-timijiet imnizla hawn fuq participant fil-kampjonati Ewropej u Mondjali.  Il-hlas jinkludi akkommodazzjoni fuq bazi 'Bed & Breakfast', hlas tal-entratura tal-kompetizzjonijiet individwali kif ukoll il-hlas tal-ikla fil-gurnata tal-prezentazzjoni.***